

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Frar 2008 —  
CPEM vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-444/07 R)**

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Talba għas-  
sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Preżentata  
tat-talba — Inammissibbiltà — Assoċjazzjoni — Dannu  
finanzjarju — Nuqqas ta' urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Rikors — Rekwiżiti proċedurali (Artikoli 242 KE u 243 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2) u(3)) (ara l-punti 24, 25, 30-33)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Dannu finanzjarju — Sitwazzjoni li tista' tqiegħed f'periklu l-eżistenza tal-kumpannija rikorrenti (Artikolu 242 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 36-43)*
3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli (Artikolu 242 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 50-52)*

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tan-nota ta' debitu Nru 3240912189, tas-17 ta' Diċembru 2007, fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4645, ta' l-4 ta' Ottubru 2007, li tħassar l-għajnuna mogħtija mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) favur iċ-CPEM bid-Deċiżjoni C(1999) 2645, tas-17 ta' Awwissu 1999.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.